

Għall-perijodu mill-20 ta' Settembru 2010 sad-data meta l-membru Bulgaru jassumi l-kariga, l-Imħallfin sedenti mal-President tal-Awla ta' erba' Imħallfin sabiex jiffurmaw il-kulleġġ estiż huma ż-żewġ Imħallfin tal-kulleġġ li lilu tkun ġiet assenjata inizzjalment il-kawża, ir-raba' Mhalled ta' din l-awla u Mhalled ta' Awla oħra komposta minn tliet Imħallfin li ma jifformax parti miż-żewġ Awli komposti minn tliet Imħallfin li għandhom jiġu fformati sabiex il-kulleġġ estiż jiġi kompost. Il-ħames Imhalled jinħatar għal sena skont lista fl-ordni stabbilita mill-Artikolu 6 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali.

Għall-perijodu mill-20 ta' Settembru 2010 sad-data meta l-membru Bulgaru jassumi l-kariga, l-Imħallfin sedenti mal-President tal-Awla komposta minn tliet Imħallfin li ma jifformax parti miż-żewġ Awli komposti minn tliet Imħallfin li għandhom jiġu fformati sabiex il-kulleġġ estiż jiġi kompost huma, sabiex jiġi kompost il-kulleġġ estiż, iż-żewġ Imħallfin tal-kulleġġ li lilu tkun ġiet assenjata inizzjalment il-kawża u żewġ Imħallfin tal-kulleġġ kompost minn erba' Mħallfin maħtura skont lista fl-ordni stabbilita mill-Artikolu 6 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali.

Seduta Plenarja

(2010/C 288/05)

Fl-20 ta' Settembru 2010, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet, skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 32(1) tar-Regoli tal-Proċedura, li, jekk wara n-nomina ta' Avukat Ġenerali skont l-Artikolu 17 tar-Regoli tal-Proċedura, l-imħallfin ikun b'numru żewġ fis-seduta plenarja tal-Qorti Ġenerali, il-lista stabbilita minn qabel, applikabbli matul il-perijodu ta' tliet snin li għalih jiġu eletti l-Presidenti tal-Awli komposti minn ħames imħallfin, li biha l-President tal-Qorti Ġenerali jaħtar l-imhalled li mhuwiex ser jieħu sehem fl-għoti tad-deċiżjoni fuq il-kawża, tkun f'ordni invers għall-preċedenza li l-imħallfin jingħataw skont l-anzjanità fil-kariga tagħhom kif stabbilit fl-Artikolu 6 tar-Regoli tal-Proċedura, ħlief jekk l-imhalled hekk maħtur ikun l-imhalled relatur. F'dan l-aħħar każ, ikun l-imhalled li jiġi minnufih qablu fl-ordni ta' preċedenza li jinħatar.

Kompożizzjoni tal-Awla Manja

(2010/C 288/06)

Fl-14 ta' Settembru 2010, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li, għall-perijodu mill-20 ta' Settembru 2010 sal-31 ta' Awwissu 2013, it-tlettax-il imhalled li jiffurmaw l-Awla Manja skont l-Artikolu 10(1) tar-Regoli tal-Proċedura jkunu l-President tal-Qorti Ġenerali, is-seba' Presidenti ta' awla minn awli li lilhom ma tkunx ġiet assenjata l-kawża u l-imħallfin tal-awla sedenti fil-kawża inkwistjoni li kieku l-kawża kienet ġiet assenjata lil awla komposta minn ħames imħallfin.

L-Awla tal-Appell

(2010/C 288/07)

Fl-14 ta' Settembru 2010, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li l-Awla tal-Appell ser tkun komposta, għall-perijodu mill-20 ta' Settembru 2010 sal-31 ta' Awwissu 2011, mill-President tal-Qorti Ġenerali u, skont sistema ta' rotazzjoni, minn żewġ Presidenti ta' awla.

L-imħallfin sedenti mal-President tal-Awla tal-Appell sabiex jiffurmaw il-kulleġġ estiż ta' ħames Imħallfin huma t-tliet imħallfin tal-kulleġġ li lilu tkun ġiet assenjata inizzjalment il-kawża u, skont sistema ta' rotazzjoni, żewġ Presidenti ta' awla.
